Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta Nru. 21,095, 4 ta' Awwissu, 2023
Taqsima B

A.L. 199 tal-2023

ATT DWAR IL-KUMMISSARJI GĦALL-ĠUSTIZZJA (KAP. 291)

Regolamenti tal-2023 li jemendaw ir-Regolamenti dwar in-Notifika ta' Taħrikiet bil-Posta Elettronika

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikolu 13 tal-Att dwar il-Kummissarji għall-Ġustizzja, il-Ministru responsabbli għall-ġustizzja għamel dawn ir-regolamenti li ġejjin:-

Titolu.

1. It-titolu ta' dawn ir-regolamenti hu r-Regolamenti tal-2023 li jemendaw ir-Regolamenti dwar in-Notifika ta' Taħrikiet bil-Posta Elettronika u dawn ir-regolamenti għandhom jinqraw u jinftiehmu ħaġa waħda mar-Regolamenti dwar in-Notifika ta' Taħrikiet bil-Posta Elettronika, hawn aktar 'il quddiem imsejħa "r-regolamenti prinċipali". L.S. 291.07.

Jemenda r-regolament 4 tar-regolamenti prinċipali.

2. Is-subregolament (1) tar-regolament 4 tar-regolamenti prinċipali għandu jiġi sostitwit b'dan is-subregolament ġdid li ġej:

"(1) Għall-iskopijiet u effetti kollha tal-liġi, it-taħrika għandha titqies li ġiet notifikata fil-jum u fil-ħin li l-posta elettronika tiġi mibgħuta fl-indirizz indikat fil-formola preskritta, skont id-data tas-Sistema ta' Infurzar Lokali.".